MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 335/2009

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**Vs**

**A. G. Ventures Limited (C17492)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' April 2009, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba` mija u tlieta u erbghin Euro u erba` u sebghin centezmu (€1443.74), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra illi s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata izda naqset milli tidher ghas-seduta tal-llum u naqset ukoll milli tippresenta risposta.

Sema` x-xhieda ta' Ramona Mamo DeGiovanni in rapprezentanza tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-llum tiddikjara bil-gurament taghha illi l-ammont kollu mitlub kien ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra illi ma hemmx opposizzjoni ghat-talba attrici kkonfermata bil-gurament taghha minn Ramona Mamo DeGiovanni.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba` mija u tlieta u erbghin Euro u erba` u sebghin centezmu (€1443.74) bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------